MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 346/2009

**S&S Bathrooms Limited**
**(Numru ta’ Registrazzjoni C – 28235)**

**vs**

**Tal-Wardija Construction Company Limited (Numru ta’ Registrazzjoni C – 27590) gia` B.S. Construction Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat is-7 t’April, 2009, li permezz tieghu d-direttur tas-socjeta` rikorrenti sintetikament sostniet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti bieghet u kkonsenjat lil dik intimata madum u accessorji ohra tal-banju;

2. Illi effettivament qieghdet parti mill-imsemmi materjal fil-Biccerija tal-Gvern, il-Marsa;

3. Illi s-socjeta` ntimata ghad ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ tmintax –il elf, mitejn u wiehed u ghoxrin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu, (€18,221.25);

4. Illi ghalkemm interpellata diversi drabi u anke nonostante li rrikonoxxiet li l-ammont hu minnha dovut lis-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` ntimata baqghet inadempjenti;

Illi in vista tal-premess is-socjeta` rikorrenti talbet li s-socjeta` ntimata tigi:

1. Ikkundannata thallasha l-ammont indikat fil-paragrafu numru 3 ndikat aktar qabel bhala bilanc lilha dovut ghal merkanzija u xoghol ta’ tqeghid ta’ madum u accessorji ohra, flimkien mal-imghaxijiet dovuti skont il-ligi;

2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` ntimata;

Rat ir-rikors tas-socjeta` ntimata datat it-22 ta’ Gunju, 2010, li permezz tieghu l-istess socjeta` talbet il-korrezzjoni hemm indikata ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-verbal taghha diversament preseduta datat it-30 ta’ Gunju, 2010, li permezz tieghu tat il-possibilita` tar-risposta fit-terminu hemm indikat;

Rat id-digriet ulterjuri taghha diversament preseduta fejn wara li rrilevat li s-socjeta` ntimata ma wegbitx fit-terminu lilha moghti, laqghet il-korrezzjoni mitluba u ordnat in-notifika tal-atti kif korretti lis-socjeta` ntimata;

Rat in-notifika ndikata fil-paragrafu precedenti fejn gie rilevat li s-socjeta` ntimata kienet regolarment notifikata skont il-ligi fit-13 ta’ Lulju, 2010;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Ezaminat ix-xhieda esebita u mismugha quddiem din il-qorti diversament preseduta;

Ikkunsidrat:

Illi effettivament is-socjeta` ntimata baqghet fil-kontumacja;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fl-2003 Tonio Bonanno ghas-socjeta` ntimata kien mar ghand is-socjeta` rikorrenti fejn infurmaha li kellu bzonn kwantita` ta' madum kemm ghall-biccerija kif ukoll ghal xi postijiet ohra;

2. Illi l-partijiet ftehmu fuq il-kwantita` u l-prezz u fil-fatt l-imsemmi Bonanno effettwa depozitu f'isem is-socjeta` ntimata;

3. Illi l-partijiet ftehmu wkoll li l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti minn dik intimata kellu jigi saldat f'pagamenti minn zmien ghal zmien skont il-konsenji;

4. Illi wara li s-socjeta ntimata kienet ukoll biddlet isimha kif fuq indikat, ipproponiet ukoll li t-tqeghid tal-madum jibda jsir mill-istess socjeta` rikorrenti bhala sub-appaltatrici taghha;

5. Illi wara li gie wkoll konsolidat ftehim fuq dan l-avvanz relazzjonali bejn il-partijiet, il-madum rimanenti fl-appalt fil-biccerija tqieghed mill-impjegati tas-socjeta` rikorrenti;

6. Illi l-ammont pretiz f'din il-procedura hu ammont bilancjali li ghad irid jigi mhallas mis-socjeta` ntimata lil dik rikorrenti ghall-konsenja fuq indikata;

7. Illi ghalkemm is-socjeta` ntimata kienet f'diversi okkazjonijiet, accertat lis-socjeta` rikorrenti li kienet ser thallasha l-ammont dovut, din baqghet inadempjenti;
8. Illi l-istess Direttur tal-biccerija fiz-zmien in dizamina iccertifika li x-xoghlijiet saru skont il-kundizzjonijiet pattwiti u a sodisfazzjon tal-istess Direttur;

9. Illi ghalkemm is-socjeta` ntimata kellha kull opportunita` tressaq il-pozizzjoni tghha, xorta ghazlet li tkun kontumacja;

Ikkunsidrat:

Illi fin-nuqqas tal-kontradittorju u rinfaccata bi provi guramentati u korraborati kemm bid-dokumentazzjoni relattiva prodotta u b'xhieda ta' terz indipendenti li avalla l-verzjoni tas-socjeta` rikorrenti, takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata Tal-Wardija Construction Company Limited ghandha ghalhekk thallas lis-socjeta` rikorrenti S&S Bathrooms Limited l-ammont ta' tmintax – il elf, mitejn u wiehed u ghoxrin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu, (€18,221.25), ghall-merkanzija kkonsenjata u mqieghda, flimkien ma' accessorji ohra fil-fond indikat aktar qabel;

2. Tikkundanna lill-istess socjeta` ntimata fuq indikata biex thallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti bl-imghaxijiet legali dovuti minnha skont il-ligi mill-21 ta' Novembru, 2007, sal-effettiv pagament;

3. Bl-ispejjez kollha a karigu tas-socjeta` ntimata fuq imsemmija.

_________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------